**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2013 — K-Swiss vs UASI — Künzli SwissSchuh (Trainer with five stripes)**

**(Kawża T-85/13)**

(2013/C 123/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* K-Swiss, Inc. (California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel u K. Tasma, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Künzli SwissSchuh AG (Windisch, l-Isvizzera)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-30 ta' Ottubru 2012 fil-Każ R 174/2011-2; u

— tikkundanna lill-konvenut u, kif xieraq, lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurativa li tirrappreżenta żarbuna sportiva b'ħames strixxi — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4 771 978

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* il-motivi għat-talba għal dikjrazzjoni ta' invalidità kienu dawk stabbiliti fl-Artikolu 52(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* it-trade mark Komunitrja kkontestata ddikjarata invalida

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2013 — Herdade de S. Tiago II vs UASI — Polo/Lauren (V)**

**(Kawża T-90/13)**

(2013/C 123/29)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Herdade de S. Tiago II-Sociedade Agrícola, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: I. de Carvalho Simões u J. Pimenta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The Polo/Lauren Company, LP (New York, l-Istati Uniti)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tilqa' l-appell u tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Novembru 2012 fil-Każ R 1436/2010-2;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tirrapreżenta plejer tal-polo riekeb fuq żiemel u l-element verbali "V" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 18, 25, 28, 41 u 43 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja 5 791 835

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja, reġistrazzjoni ta' trade mark fir-Renju Unit u reġistrazzjoni ta' trade mark fil-Benelux tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta plejer tal-polo għal prodotti fil-klassijiet 9, 18, 20, 21, 24, 25 u 28

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni parzjalment milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 — Rot Front vs UASI — Rakhat (Macka)

## (Kawża T-96/13)

(2013/C 123/30)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Rot Front OAO (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: B. Térauda, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Rakhat AO (Almaty, il-Każakistan)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "Macka" għal prodotti fil-klassijiet 29 u 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 556 135

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark figurattiva mhux irreġistrata li fiha simbolu ta' borża bl-element verbali "Macka" għall-prodotti tal-ħelu fil-Greċja u fil-Ġermanja

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2013 — Heli-Flight vs EASA

## (Kawża T-102/13)

(2013/C 123/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Heli-Flight GmbH & Co. KG (Reichelsheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kittner, avukat)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-13 ta' Jannar 2012 li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' titjir għall-ħelikopter Robinson R66 (Nru tas-Serje 0034);

— tiddikjara li, fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' titjir għall-ħelikopter Robinson R66 (Nru tas-Serje 0034) tal-11 ta' Lulju 2011 u tal-10 ta' Jannar 2012, il-konvenuta naqset b'mod mhux ġustifikat milli tieħu azzjoni;

— tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għal kumpens ta' kwalunkwe dannu subit mir-rikorrenti minħabba li l-konvenuta ċaħdet it-talbiet għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' titjir għall-ħelikopter Robinson R66 (Nru tas-Serje 0034) tal-11 ta' Lulju 2011 u tal-10 ta' Jannar 2012 u/jew naqset b'mod mhux ġustifikat milli tieħu azzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' titjir għal dan il-ħelikopter;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.